

# Tiġrib il-Bdiewa Melleħin 180 sena ilu

Is-Sur David Muscat

## Daħla

Fil-bidu tas-Seklu 19, il-Melleħin kien għadhom mifruxin fi rħajjel jew bnadi differenti tal-Mellieħa, u raħal bħalma nafuh illum kien għad m'hemmx.[1] Kien biss għall-ħabta ta' l-1850 li l-qalba tal-Mellieħa bdiet tieħu l-forma li nafuha llum,[2] madwar disa' snin wara li l-Mellieħa nqatgħet mill-parroċċa tan-Naxxar u saret parroċċa għaliha.[3]

Fost l-inħawi Melleħin abitati f'dawk iż-żminijiet kien hemm Selmun, il-Blata, l-Imġiebaħ, Għajn Żejtuna, qrib is-Santwarju tal-Madonna, il-Qammieħ, l-Għadira, l-Aħrax, Ġnien Ingraw, San Niklaw, Għajn Tuffieħa u l-Miżieb.[4] Ħafna mill-ftit mijiet ta' nies li kienu jgħammru fil-limiti ta' dik li llum nafuha l-Mellieħa, kienu gabillotti, bdiewa u rgħajja .[5]

Il-bdiewa Melleħin tas-Seklu 19 kienu jkabbru l-qoton, il-qamħ, ix-xgħir u xi legumi, fost għelejjel oħra. Fl-irziezet u fl-għerien kienu jrabbu n-nagħaġ, il-baqar u l-mogħoż, u jżommu wkoll xi bagħal jew ħmara. [6] 'L hawn u 'l hinn fil-widien kien hemm xi msajġriet tas-siġar tal-frott. Ngħidu aħna xi ħadd kunjomu Xuereb kellu ort taż-żebbuġ, Selmun, [7] fil-waqt li Vincenzo Schembri, Pacifico Galea, Angelo Quattromani u Giovanni Muscat kellhom ġnien kbir bis-siġar tal-frott lejn Għajn Tuffieħa.[8] Kull mentqa li setgħet tinħadem ma kinitx titħalla battala. Ġanni Gauċi, sa fuq il-Gżejjer ta' San Pawl, kien ikabbar il-qamħ u l-għalf għall-bhejjem, u jieħu l-baqar. [9]

## Xtiewi Qliel

Milli jidher ix-xtiewi ta' bejn l-1825 u l-1827 kienu xtiewi qalila u milwiema. Lil min kien jaħdem l-art il-maltemp għamillu ħafna ħsara. Bejn l-Għadira u l-Mejjieli, skond il-bdiewa Paolo Gauċi, Giovanni Cuschieri u Andrea Mifsud l-art stagħdret bl-ilma tant kemm għamlet xita u l-baħar għola, tant li baqa' dieħel 'il ġewwa u meta foroġħ, kaxkar kollox miegħu. [10]

Qasam Barrani, fil-post magħruf bħal ta' Xupa (Scupa), il-wied bl-ilma li niżel ħalla ħerba sħiħa warajh, tant li saħansitra waqqa' għal kollox u xeħet il-baħar ħajt tas-sejjieħ. Meta l-perit tal-gvern mar sal-post biex jara xi ħsara kienet saret mix-xita lill-għelieqi ta' Paolo Gauci u Gio Maria Borg, ġab għajnejh wara widnejh. Il-ħamrija ta' xi raba' nġarret kollha l-baħar u xi mkejjen tant tgħarrqu, li ma setgħux jinħadmu aktar. [11]

F'Għajn Tuffieħa, lil Vittorio u Grazio Chetcuti l-għargħar ġarrilhom żewġ biċċiet mdaqqsin ta' raba' u ħarbtilhom meded sħaħ oħra. It-toroq u l-mogħdijiet li kienu jagħtu għall-Qortin ta' Għajn Tuffieħa spiċċaw maqlugħa u mwiegħra, tant li l-bdiewa msemmija kellhom imiddu jdejhom huma biex jirrangawhom għax ma setgħux jgħaddu minnhom fl-istat tal-biki li kienu fih. [12]



## Ħlasijiet ta' Ċnus

F'ħafna mill-każijiet il-Gvern Ingliż kien juri ħniena mal-bdiewa u s-sidien tar-raba'. Ħafna mit-talbiet u l-petizzjonijiet biex jitnaqqsu

l-arretrati jew il-ħlasijiet taċ-ċnus minħabba ħsarat fir-raba' kienu jintlaqgħu. Hekk ngħidu aħna, fl-1828 Paolo Gauċi u Gio Maria Borg tnaqqsitilhom is-somma ta' 45 skud mill-ħlas taċ-ċens li kellhom jagħtu, minħabba l-ħsarat li ġarrbu fir-raba' tagħhom ta' Qasam Barrani fix-xitwa ta' l-1826, [13] u Vittorio u Grazio Chetcuti f'Settembru ta' l-1826, ingħtaw skont ta' 212-il skud fis-sena għal 4 snin, bħalma kienu ngħataw tnaqqis bejn l-1821 u l-1823, minħabba l-ħsarat li ġarrbu fl-għelieqi u r-razzett tagħhom t'Għajn Tuffieħa. [14]

Jekk għall-ħsarat miġjuba mill-maltemp, il-Gvern Ingliż kien jagħlaq għajn u jwieżen lil min jiġġarrab, ħafna drabi ma kienx jimxi bl-istess mod ma' min kien jonqos milli jħallas iċ-ċens jew kif kienu jsibuha xi wħud il-'gabella'. Hekk ngħidu aħna Andrea Mifsud li kellu r-raba' l-Għadira ta' xejn talab lill-Kollettur taċ-Ċnus biex jitnaqqaslu ċ-ċens jew jinħafirlu xi dejn, jew inkella jinħall miċ-ċens perpetwu għal 99 sena, li missieru Gio Maria kien daħal għalih fl-1794, minħabba li kien qed jgħix fil-faqar u ma setax iħallas. Is-sejħiet imqanqla tiegħu għal xi għajnuna biex ikun jista' jkampa waqgħu fuq widnejn torox u Mifsud iġġiegħel iħallas lura sa l-inqas ħabba. [15]

L-istess ġralu Giovanni Cuschieri. Minkejja li fl-1826, iġġeddidlu ċ-ċens ta' l-art li kellu l-Qammieħ għal tmien snin oħra, meta naqas milli jħallas id-dejn li kellu mal-gvern, il-Kollettur taċ-Ċnus amar li jitteħdulu l-annimali li kien irabbi u jinqeda bihom. It-teħid tal-bhejjem poġġa lil Cuschieri f'qagħda agħar, għax bla bhejjem ma setax jaħrat l-art u jaħdimha. Minħabba f'hekk lejn nofs l-1829, fuq ordni tas-Segretajru Ewlieni tal-gvern, Cuschieri ngħata l-bhejjem lura. [16]

## Riserva tal-Fniek, il-Marfa

Mill-1826 'il quddiem, sa mill-inqas l-1836, il-bdiewa tal-Qammieħ, l-Għadira, Għar Baqrat u l-Aħrax ħabbtu wiċċhom ma' problema oħra. Il-Gvernatur ta' Malta, il-Markiż ta' Hastings (1824-1826) fettillu fl-inħawi tal-Marfa jarma riserva tal-fniek. Biex ikollu fejn joqgħod meta jiġi jaqbad il-fniek, il-Gvernatur biddel il-Batterija ta' Wied Musa f'palazz żgħir tal-villeġġjatura. Xi xagħri ta' madwar il-Marfa ddawru b'ħitan tas-sejjieħ apposta li kellhom ħanek biex suppost ma jħallix il-fniek jaħarbu mir-riserva. [17]



Fil-fatt imma, il-fniek mhux talli bdew jaħarbu mir-riserva, talli bdew jaqbżu fl-għelieqi tal-bdiewa u jagħmlu ħerba minn kulma jsibu tajjeb għal snienhom. Bejn l-1826 u l-1827 insibu mill-inqas tmien talbiet minn tliet bdiewa differenti - Giovanni Cuschieri, Paolo Gauci u Gio Maria Borg - biex jingħataw kumpens talli l-fniek daħlulhom fi ħwejjiġhom u ħarbtulhom l-uċuħ tar-raba' tagħhom. [18] Ngħidu aħna fit-23 ta' Ġunju 1826, Giovanni Cuschieri talab lis-Segretarju Ewlieni tal-Gvern biex jitnaqqaslu ċ-ċens minħabba li l-ħsarat li għamlulu l-fniek, [19] fil-waqt li fil-21 ta' Settembru 1826, Paolo Gauċi talab li jinħafirlu xi dejn li kellu mal-Kollettur taċ-Ċnus minħabba l-istess imberkin ħlejjaq. [20]

L-agħar inċident magħruf marbut mal-fniek seħħ lejn tmiem Settembru jew il-bidu ta' Ottubru 1826. Paolo Gauci, li kellu razzett il-Qammieħ, mxebba' sal-ponta ta' mnieħru mill-ħerba li l-fniek kienu qegħdin jagħmlulu fir-raba' tiegħu, fosthom fix-xtieli tal-qoton, daħal bil-moħbi fir-riserva u beda jispara fuq kull ħlejqa li lemaħ tiċċaqlaq. L-għassies tar-riserva, li daqs Gauci kien gwapp u jaħsibhom, intebaħ b'għemil il-bidwi u biex jivvendika ruħu, mar ir-razzett ta' Gauci, daħallu baxx baxx, qatillu l-qattus u spara wkoll fuq il-kelb tiegħu. [21]

Il-bdiewa Melleħin ma felħux għall-ħbit tal-fniek. Ma setgħux isibu tarfhom. Għalenija fittxew l-għajnuna u bdew jibagħtu petizzjoni waħda wara l-oħra lill-Awtoritajiet Ingliżi biex jitħallsu tal-ħsara li kienu qed iġarrbu. Il-Kollettur taċ-Ċnus ingħata l-inkarigu li jibgħat il-perit tiegħu, jew kif kienu jsejħulu l-'Capo Maestro', jistma l-ħsarat ikkawżati mill-fniek. Fl-1826 biss Giovanni Cuschieri tal-Qammieħ tnaqqsitlu s-somma ta' 144 skud mill-flus li kellu jagħti lill-Gvern Ingliż, [22] fil-waqt li Paolo Gauċi tnaqqsulu 220 skud mid-dejn tiegħu minħabba ħsarat il-fniek. [23] Tul medda ta' kważi għaxar snin, il-Gvern Ingliż ħareġ somma ġmielha għat-tħarrib tal-fniek fl-għelieqi ta' madwar il-Marfa. Mhux ta' b'xejn il-Gvernatur Sir Henry Bouverie (1836-

1843) fl-1836 ma damx wisq itella' u jniżżel biex jagħlaq għal kollox ir-riserva! [24]

Il-ħajja għal missirijietna fis-snin għoxrin tas-Seklu 19 kienet iebsa u ta' tbatija. Minbarra x-xtiewi qliel u s-sjuf ħorox, il-bdiewa Melleħin kellhom iħabbtu wiċċhom ma' bosta saram u xkiel ieħor. Il-prezz ta' l-uċuħ tar-raba' f'dawk iż-żminijiet kien waqa' għal kollox u għalhekk qligħ min jaħdem l-art ftit kien jara. [25] Mhux wieħed jew tnejn kienu l-gabillotti Melleħin li talbu lil-Gvern Ingliż iraħħsilhom iċ-ċens minħabba l-waqgħa fil-prezz tal-ħxejjex u l-frott. Ngħidu aħna Xuereb li kellu l-ort taż-żebbuġ, Selmun talab għal tnaqqis fiċ-ċens, minħabba li l-prezz taż-żebbuġ kien waqa' [26] fil-waqt li Giovanni Vella, sid meded sħaħ ta' raba' Qasam Barrani, mhux darba jew tnejn talab li tintwera ħniena miegħu għax minħabba li l-prodotti tiegħu ma kinux qed iqallgħu wisq flus, kien imtela tilja dejn u ried jgħajjex disat itfal. [27]

Il-qoton Malti, ukoll, ma kienx qed isib wisq bejgħ fis-swieq barranin minħabba l-kompetizzjoni ħarxa li kien qed jiffaċċja mill-qoton ta' bnadi oħra u għalhekk dawk li kienu jkabbruh fil-bidu tas-seklu 19 bħall-Melleħin Rosario Micallef, Paolo Gauci tal-Qammieħ u l-aħwa Chetcuti t'Għajn Tuffieħa ftit kienu qed jaqilgħu minnu. [28]

## Għeluq

Minkejja l-imrar u l-għawġ kollu, il-Melleħin ta'l-ewwel snin tas-Seklu 19 ma qatgħux qalbhom. L-art baqgħu jaħdmuha lejl u nhar biex jaqilgħu ħobżhom minnha. B'riħithom illum ingawdu wirt rurali mimli rziezet, giren, fdalijiet ta' swieni, ġwiebi, bjar, spejjer, dwar, għerien mitbuqa, imġiebaħ, raddi tal-karettuni, ħitan tas-sejjieħ u mitt elf ħaġa oħra. Dmirna hu li dan il-wirt inħarsuh u nirrestawrah. B'daqsxejn impenn u kreattività nistgħu wkoll niġbdu aktar turisti lejn il-Mellieħa jekk nagħrfu ninqdew b'dan il-wirt sew, bla ma ngħajbu s-sbuħija tiegħu.

**Referenzi**


1 Muscat Jimmy (2002), Inħawi abitati u toroq, f' Il-Mellieħa mal-Milja taż-Żmien, Kunsill Lokali, Mellieħa, pġ. 120-122.
2 Muscat David (2002), Il-Mellieħa fl-ewwel nofs tas-seklu 19, f' Il-Mellieħa mal-Milja taż-Żmien, Kunsill Lokali, Mellieħa, pġ. 93-94.
3 Bonniċi Alexander (2002), Is-santwarju u l-parroċċa tul iż-żmien, f' Il-Mellieħa mal-Milja taż-Żmien, Kunsill Lokali, Mellieħa, pġ. 65.
4 Muscat Jimmy (2002), Inħawi abitati u toroq, f' Il-Mellieħa mal-Milja taż-Żmien, Kunsill Lokali, Mellieħa, pġ. 120-121.
5 Muscat Jimmy (2004), Il-Melleħin ta' 160 sena ilu, Marija Bambina, Omm Alla u Ommna, Festa Marija Bambina, pġ. 26.
6 LGO Vol. 48 (1855), Arkivji Nazzjonali, Santu Spirtu, Rabat, Malta.
7 PW Vol. 5 (1823-1826), ANSS.
8 PW Vol. 6 (1826-1828), ANSS.
9 PW Vol. 9 (1832-1833), ANSS.
10 PW Vol. 6 (1826-1828), ANSS.
11 Ibid.
12 Ibid.
13 Ibid.
14 Ibid.
15 Ibid.
16 PW Vol. 7 (1828-1830), ANSS.
17 Muscat David (2002), Il-Mellieħa fl-ewwel nofs tas-seklu 19, f' Il-Mellieħa mal-Milja taż-Żmien, Kunsill Lokali, Mellieħa, pġ. 91.
18 PW Vol. 6 (1826-1828), ANSS.
19 Ibid.
20 Ibid.
21 Muscat David (2002), Il-Mellieħa fl-ewwel nofs tas-seklu 19, f' Il-Mellieħa mal-Milja taż-Żmien, Kunsill Lokali, Mellieħa, pġ. 91.
22 PW Vol. 6 (1826-1828), ANSS.
23 Ibid.
24 Muscat David (2002), Il-Mellieħa fl-ewwel nofs tas-seklu 19, f' Il-Mellieħa mal-Milja taż-Żmien, Kunsill Lokali, Mellieħa, pġ. 91.
25 PW Vol. 6 (1826-1828), ANSS.
26 PW Vol. 5 (1823-1826), ANSS.
27 PW Vol. 7 (1828-1830) u PW Vol. 8 (1830-1832), ANSS.
28 PW Vol. 5 (1823-1826) u PW Vol. 6 (1826-1828), ANSS.


Ħajr lil marti Lucienne li għenitni niġbor ir-referenzi u lil-librara ta' l-Arkivji Nazzjonali.



Joe's Garage
We have Moved
New Location: MOSTA
Joe Caruana,
MTC, Triq il-Fortizza, Mosta
Tel: 2142 4328 • Fax: 2152 1400
E-mail: joesgrage@onvol.net

Moved to a larger garage and to a more central location!!
Offering services of:
Panel Beating and also Car Servicing and Repairs.